# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH LL.D

**Kumpilazzjoni Nru. 587/2018**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Muashi Hazem**

**Illum, 24 ta' Jannar 2022.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni mressqa fil-konfront ta' Hazem Muashi detentur tal-karta tal-identità numru 104345A, li permezz taghha gie akkuzat talli nhar is-7 ta' Novembru 2017, ghal habta tal-ghaxra u kwart ta' filghaxija (22:15hrs) gewwa Kirkop, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebb ghal persuna u kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Yassine Khazri, skont ma' ccertifikah Dr Francis Carbonaro MD reg 2638.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront ta' Yassine Khazri, kemm waqt il-mori tal-kawza, kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkonftemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni finali;

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u l-kunsens tal-imputat li din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja.;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza.

**Ikkunsidrat**

**Provi mismugha minn din il-Qorti**

**Yassine Khazri** xehed fil-5 ta' Ottubru 2018, fejn qal li huwa ltaqa' ma' tfajla tieghu, u l-imputat beda jheddu. Sostna li t-tfajla tieghu u hu kienu qeghdin fil-karozza fejn l-ajruport, sakemm gie bil-vettura tieghu l-imputat. Sostna li l-imputat kellu tnejn ohra mieghu, u kien infurmah li ried ikellmu. Sostna li huwa nizel mill-karozza ghax haseb li l-imputat ried ikellmu. Kompla jghid li xhin huwa nizel minn gol-karozza, l-imputat beda joffendih u jghidlu kliem hazin, u f'daqqa wahda qabdu jaghtuh it-tliet persuni f'daqqa. Sostna li l-imputat tah daqqa u tkissritlu n-naha tax-xellug taht ghajnu. Spjega li kellu jigi operat. Xehed li huwa nesa d-data meta sehh dan kollu.

Spjega li l-imputat kien l-eks gharus tat-tfajla tieghu. Spjega li dawn ma kinux ghadhom flimkien. Spjega li t-tfajla tieghu kienet marret ghamlet rapport kontra l-imputat, ghaliex kien ghadu qed jigri warajha u jheddidha. Spjega li l-imputat kien anke heddu fuq il-*Facebook,* u baghtlu messaggi biex ma jkunx mal-eks gharusa tieghu. Sostna li l-imputat flimkien ma' tnejn minn shabu, qabdu jaghtuh. Insista li d-daqqa li nghatat lilu, kienet b'xi hadida jew b'xi haga ohra, ghax li kieku daqqa ta' ponn, mhux ser tkissirlu l-ghadma, kif fil-fatt gara.

Sostna li huwa ma ra xejn f'idejn l-imputat, u lanqas f'idejn iz-zewg persuni l-ohra. Ikkjarifika wkoll li z-zewgt irgiel li kienu mal-imputat, ghall-ewwel waqfu hdejh, sakemm hu u l-imputat bdew jitkellmu. Spjega li mbaghad, l-imputat offendih u qabad jaghtih, u mbaghad, dawn iz-zewgt irgiel qabdu jaghtuh ukoll.

In kontroezami, Yassine Khazri spjega li qabel ma' waqfu bil-karozza, hu u t-tfajla tieghu kienu marru jixtru l-ikel mill-Mc Donalds. Sostna li l-post fejn waqfu kien post tajjeb fejn jieqfu l-karozzi, u joqghodu jaraw l-ajruplani telghin u nizlin. Spjega li z-zewgt irgiel l-ohra, bdew jaghtuh minn wara u minn quddiem. Spjega li huwa qala' daqqa fi spalltu. Spjega li huwa nghata daqqiet f'imniehru, f'xuftejh u f'ghajnu. Sostna li jista' jkun li qala' xi daqqa fil-kaxxa ta' sidru, izda ma kellux griehi. F'saqajh lanqas kellu griehi. Spjega li fuq dahru kellu daqqiet, u cioè fuq in-naha tax-xellug ta' wara tal-ispalla.

Spjega li l-glieda spiccat xhin gew zewg suldati. Cahad li dawn iz-zewg suldati, kienu ferrqu lilu milli jkompli jaghti lill-imputat. Spjega li huwa kien fil-bidu tar-relazzjoni tieghu mat-tfajla. Sostna li t-tfajla kienet qaltlu biex ma jinzilx minn gol-karozza, ghaliex kienet ser tinqala' glieda. Spjega li t-tfajla tieghu kienet qalet lill-imputat, biex ihalliha bi kwietha, ghaliex hija ma tridux iktar. Sostna li l-imputat qabad joffendiha u joffendi lilu, u gew fl-idejn. Ikkonferma li huwa nizel mill-karozza ghaliex l-imputat gie hdejh bil-karozza tieghu, u qallu biex jinzel ghax ried ikellmu. Spjega li t-tfajla qaltlu biex ma jinzilx, izda huwa kien qalilha li niezel ikellmu.

Spjega li kif hu hareg mill-karozza, l-imputat qabad jitkellem u joffendih. Spjega li z-zewgt ihbieb tal-imputat, ma tkellmux. Spjega li mbaghad, nizlet it-tfajla tieghu mill-karozza, u qalet lill-imputat biex ihalliha bi kwieta, u l-imputat qabad joffendiha u joffendi lilu. Cahad li t-tfajla tieghu qaghdet tghajjar lill-imputat anke b razztu. Sostna li qabel din l-okkazzjoni, huwa kien iltaqa' biss darba mal-imputat. Sostna li l-ewwel darba li ltaqghu, ma kienx hemm problemi bejnu u bejn l-imputat, nonostante li huwa kien già beda r-relazzjoni tieghu mat-tfajla. Spjega li dakinhar iltaqghu quddiem l-Ghassa ta' Rahal il-Gdid.

F'seduta ohra, Yassine Khazri rega' xehed, fejn qal li huwa hassar il-messaggi ta' theddid li kienu ntbaghtu lilu. Sostna li dawn il-messaggi kienu ntbaghtu bl-Gharbi, u kienu fis-sens li l-imputat wissih li huwa qed jilghab man-nar, u li n-nar jaharqu. Sostna li fil-messaggi, kien hemm imnizzel li ahjar jiltaq lit-tfajla.

F'seduta ohra, tkompla l-kontroezami ta' Yassine Khazri, li kkonferma li precedentement, kien ircieva xi messaggi fejn l-imputat kien offendih. Sostna li l-messaggi ntbaghtu madwar xahar qabel il-glieda. Sostna li mbaghad kienu tkellmu, u huwa kien minghalih li l-istorja spiccat hemm. Sostna li dakinhar tal-incident, l-imputat kien qallu biex jinzel ha jkellmu. Spjega li huwa ma bezax jinzel ikellmu, ghaliex ma stennihiex mill-imputat li ser jigi b'zewgt ihbieb mieghu biex iduruh. Spjega li huwa ma jafx xhin harget it-tfajla tieghu, izda jaf li sabha magenbu xhin qabdu jaghtuh. Spjega li huwa waqa' mal-art. Sostna li l-imputat l-ewwel gie bil-karozza fejn il-karozza tieghu, u imbaghad mexa bil-karozza tieghu u pparkjaha. Spjega li kien hemm boghod tat-tul tal-Awla 12. Spjega li huwa nduna x'kien gej ghalih xhin wasal fejn l-imputat u bdew jitkellmu.

Sostna li dan offendih u hu baqa' hemm u ma telaqx. Spjega li filli kienu qed jitkellmu, u filli sab lilu nnifsu mal-art. Spjega li meta kien mal-art, inghata daqqiet fuq wara u fuq dahru. Izda l-ikbar daqqa li ha, kienet minn quddiem fuq ghajnu. Sostna li huwa jahseb li d-daqqa zgur giet minn quddiem, u mbaghad komplew jaghtu fl-istess hin. Sostna li l-hbieb tal-imputat, l-ewwel kienu fil-genb tieghu, u mbaghad kienu fuq wara tieghu. Spjega li huwa kien qed jitkellem mal-imputat minn quddiem. Sostna li huwa jaf li d-daqqa fuq ghajnu hadha minn quddiem, u kien l-imputat li kien fuq quddiem. Spjega li huwa mhux jiftakar min tah id-daqqa, izda jaf li d-daqqa giet minn quddiem, u kien l-imputat li kien quddiemu.

In riezami, huwa spjega li l-imputat kien quddiemu, u kellu lil shabu magenbu. Sostna li l-imputat kien quddiemu.

In kontroezami ulterjuri, huwa nsista li shab l-imputat gew magenbu, u li d-daqqa seta' tahilu biss l-imputat, ghaliex hu kien quddiemu.

In riezami, huwa kkonferma li d-daqqa ta' ponn qalaghha fuq ghajnu tax-xellug. Shab l-imputat kienu fuq in-naha tal-lemin tieghu.

In kontroezami ulterjuri, huwa spjega li huwa kien qieghed attent ghal shab l-imputat ukoll. Spjega li la kien imdawwar bin-nies, ma kienx qed ihares 'il quddiem biss.

**Edmea Grech** xehdet li hija kienet fil-karozza flimkien ma' Yassine Khazri fejn l-ajruport. Spjegat li l-imputat waqaf bil-karozza fejnhom, u kien hemm shabu mieghu. Sostniet li l-imputat talab lil Yassine biex johrog mill-karozza, filwaqt li hi talbitu biex ma jinzilx mill-karozza. Sostniet li Yassine nizel u bdew jitkellmu, mentri hi baqghet fil-karozza. Spjegat li mbaghad, hija nizlet mill-karozza, u l-imputat offenda lil Yassine li huwa zibel, u anke ghajjarha lilha zibel, bil-konsegwenza li dawn qabdu jaghtu. L-ewwel daqqa nghatat mill-imputat lil Yassine, u mbaghad kien hemm shab l-imputat, li daru ma' Yassine, filwaqt li bdew jaghtuh. Spjegat li dan gara fil-post fejn jieqfu l-karozzi u jaraw l-ajruplani nezlin. Spjegat li dan gara filghaxija, ghalkemm ma tiftakarx id-data.

Kompliet tghid li mbaghad gew suldati ta' fejn l-ajruport biex iferrqu lill-imputat, Yassine u hbieb l-imputat. Spjegat li shab l-imputat tafhom, u li wiehed jismu Faris u l-iehor jissejjah Alejan. Sostniet li hija ma kinitx taf jekk l-agressjoni saritx bl-idejn biss, izda d-daqqiet li nghataw ma kinux daqqiet tal-idejn biss. Sostniet li l-ewwel daqqa nghatat mill-imputat, u mbaghad daruh l-ohrjan. Sostniet li l-ewwel daqqiet li ta l-imputat kienet f'wicc Yassine. Sostniet li l-imputat tah daqqa, ghalkemm ma setghetx tghid jekk kinitx fuq l-imnieher jew fuq ghajnejh, u mbaghad daruh shab l-imputat ukoll. Sostniet li Yassine kellu jaghmel operazzjoni f'ghajnu. Sostniet li Yassine dam sakemm irkupra.

In kontroezami, hija qalet li kienu s-suldati li ferrqu l-glieda. Sostniet li dawn kienu lebsin ilbies *camflouage*. Sostniet li l-ewwel l-imputat ta daqqa lil Yassine dritt f'ghajnejh. Sostniet li Yassine waqa' mal-art bid-daqqa, u mbaghad komplew jaghtuh. Sostniet li hija nizlet mill-karozza ftit wara li nizel Yassine. Sostniet li xhin nizlet, kienu ghadhom ma bdewx jinghataw id-daqqiet. Sostniet li hija ma qaltlu xejn lill-imputat. Sostniet li hija offendiet lill-imputat fl-ahhar xhin gew is-suldati jferrqu. Cahdet li bdiet il-glieda hija ghax bdiet tghajjar. Sostniet li hija baqghet hemm tara l-glieda sakemm gew is-suldati. Sostniet li xhin kienu qed iferrquhom, hija ddecidiet li toffendi lill-imputat.

F'seduta ohra, tkompla l-kontroezami ta' Edmea Grech. Spjegat li l-incident gara Hal Kirkop. Sostniet li l-imputat ipparkja quddiem il-vettura taghhom. Sostna li l-imputat waqaf fejn il-karozza taghhom u nizzel it-tieqa, u qal lil Yassine sabiex jinzel minn gol-karozza. Sostna li mbaghad, l-imputat ipparkja quddiem il-

karozza taghhom. Spjegat li mbaghad l-imputat nizel mill-karozza. Sostniet li l-karozza tal-imputat giet ipparkjata certu wisgha 'l boghod. Ikkonfermat li l-parti leza, illum ir-ragel taghha, nizel mill-vettura. Sostniet li l-ewwel l-imputat u r-ragel taghha, bdew jitkellmu bil-lingwa Gharbija. Kienu qed jidhru li ser jaghtu. Sostniet li hija harget mill-karozza xhin kienu già qed jaghtu. Spjegat li gew is-suldati u waqqfuhom. Spjegat li hija harget mill-karozza kif waslu s-suldati. Cahdet li hija harget mill-karozza xhin l-imputat u r-ragel taghha kienu qed jitkellmu. Insistiet li hija harget mill-karozza xhin waslu s-suldati. Sostniet li r-ragel taghha u l-imputat, kienu già ggieldu fuq *Facebook*. Ikkonfermat li Yassine hareg ikellem lill-imputat u lil zewg irgiel ohra li kienu mieghu.

Sostniet li Yassine ma kienx jaf li dawn kienu ser jaqbdu jaghtuh. Insistiet li r-ragel taghha ma kienx hareg biex jiggieled maghhom. Sostniet izda, li mbaghad xhin qabdu jaghtuh, ma setax jibqa' ccassat. Sostniet li hija ma riditx tibqa' f'relazzjoni mal-imputat, u huwa ma hadhiex tajjeb. Ikkonfermat li l-karozza taghhom ma gietx imblukkata, jigifieri setghu facilment jsuqu minn hemm.

**L-Ispettur Charlotte Curmi** xehdet li fis-7 ta' Novembru 2017, Edmea Grech flimkien ma' Yassine Khazri ghamlu rapport li kien sehh agrument ghal habta tal-ghaxra u kwart ta' filghaxija. Spjegat li dawn qalu li kienu mexjin bil-vettura taghhom fl-akwati tal-ajruport, u gew avvicinati minn vettura ohra bi tliet min-nies, u cioè bl-imputat, Faris Al Khalesh u Fawaz Enyem. Sostniet li Yassine kien gie ccertifikat bi griehi hfief, izda mbaghad kien irrizulta li l-griehi kienu gravi. L-ispecjalista li kien ra lill-vittma, kien Dr Francis Carbonaro. Hija kkonfermat l-istqarrija rilaxxata u kkonfermat il-firem li hemm fuqha. Ipprezentat ukoll ic-certifikati medici mahruga, kemm fir-rigward tal-imputat, kif ukoll fir-rigward ta' Yassine Khazri.

**Dottor Marcel Schembri** xehed li huwa rrilaxxa c-certifikat mediku fis-7 ta' Novembru 2017, a favur ta' Yassine Khazri. Spjega li dan kellu d-demm hiereg miz-zewg nahat ta' mniehru, kellu grif fuq dahru, u kellu xi ugiegh fuq spalltu n-naha tax-xellug. Sostna li huwa ccertifika dawn il-griehi bhala hfief, salv kumplikazzjonijiet. Spjega li huwa ma regax ra lill-allegata vittma wara din l-okkazzjoni.

**L-ispettur Roderick Attard** ezebixxa kopja tal-permess ta' residenza tal-imputat.

**Dr Mark Leonard Grech** xehed li huwa rrilaxxa certifikat a favur tal-imputat, liema certifikat huwa datat 7 ta' Novembru 2017. Spjega li l-imputat kellu girfa ta' millimetru fuq il-werrej xellugi, selha fuq l-ghajn xellugija superficjali tul ta' 2 centimetri b'2 centimetri, u flokk imqatta'. Sostna li l-imputat kien infurmah li dawn il-griehi kien soffrihom waqt glieda.

**Dottor Francis Carbonaro** xehed li huwa ma rax lill-pazjent. Spjega li huwa kien il-konsulent li kien ghassa fid-dipartiment ta' l-*Ophatlmology*. Spjega li l-pazjent inghata daqqa u spicca bi ksur tal-*wall* tal-*orbit*, jigifieri tal-ghadam li huma madwar l-ghajn, bil-konsegwenza li kellu jigi operat. Sostna li l-pazjent gie

operat minn tal-ENT. Sostna li griehi bhal dawn huma griehi gravi, izda ma jafx jekk ghadx hemm xi hsara permanenti. Spjega li d-dokument a fol 61, inhareg minn Dr Pierre Farrugia.

**Fawaz Anjem** xehed li flimkien mal-imputat u Faris, kienu marru jixorbu kafe fejn l-ajruport. Spjega li kien bil-lejl u pparkjaw il-karozza fejn karozza li kien hemm ipparkjata. Spjega li l-persuna li kienet gol-karozza l-ohra, staqsiet lill-imputat jekk kellux bzonn xi haga, u l-imputat irrispondih li le. Spjega li l-karozza tal-imputat iccaqilqet, u giet ipparkjata post iehor boghod xi tletin metru. Spjega li l-persuna Tunezina li kellmet lill-imputat, harget u avvicinat lill-imputat, filwaqt li beda joffendi lill-imputat. Spjega li mbaghad, giet tfajla ukoll, u bdiet titkellem pastaz fir-rigward tal-imputat.

Qal li din it-tfajla giet mill-karozza tat-Tunezin. Sostna li l-imputat irrisponda lit-tfajla, fis-sens li hija kienet ghamlet rapport, u li issa kellha tiddeciedi l-Qorti. Spjega li f'dak il-mument, it-tfajla taret ghal fuq l-imputat, u dahal it-Tunezin li gie fuq l-imputat, u beda jsawwat lill-imputat. Qal li kien hemm, li ndahal hu u siehbu biex jifirdu lill-imputat u lit-Tunezin.

Spjega li mbaghad gew xi suldati u bdew jifirdu u kkalmaw il-kaz. Sostna li huwa ma ra l-ebda griehi fuq it-Tunezin. Sostna li hadd ma ghamillu xejn lit-Tunezin. Sostna li fil-bidu nett, it-Tunezin ta daqqa ta' ponn lill-imputat, u huma ndahhlu fin-nofs biex jifirdu. Sostna li s-suldati taw xi ordnijiet, u huma dahlu gol-karozza u telqu. Sostna li t-tfajla rritornat lura gol-karozza.

**Faris Al Khalash** spjega li hu, Fawaz u Hazem, kienu bil-karozza fejn l-ajruport. Spjega li l-karozza giet ipparkjata magenb karozza ohra li kien hemm già pparkjata. Spjega li l-persuna ta' go din il-karozza, baqa' jhares lejn il-karozza u qal xi kliem lil Hazem. Sostna li din il-persuna staqsiet lil Hazem jekk kellux bzonn xi haga, u Hazem baqa' sieket u ma qallu xejn. Spjega li huwa qal lil Hazem biex icaqlaq il-karozza, u in fatti, marru pparkjaw x'imkien iehor. Spjega li l-persuna gol-vettura l-ohra harget, u avvicinat lil Hazem. Spjega li din il-persuna ghajjar lill-imputat, u Hazem irrisponda lura li huwa ma qallu xejn. Sostna li huwa jaf lil din il-persuna ghaliex kien jaqta' x-xaghar ghandu. Sostna li mbaghad, harget tfajla bil-mixi u giet fuq Hazem, u bdiet tghid kliem pastaz bil-familja ta' Hazem. Sostna li Hazem qalilha li hija ghamlet rapport, u li issa l-Qorti kellha tiddeciedi. Spjega li r-ragel li jaqta' x-xaghar ghandu, gie ghal fuq Hazem, u tah daqqa ta' ponn.

Spjega li hawnhekk hu u siehbu dahlu fin-nofs biex jifirdu. Sostna li mbaghad gew is-suldati u l-kaz ikkalma. Sostna li l-persuna l-ohra tat daqqa ta' ponn lil Hazem. Sostna li mbaghad, Hazem u l-persuna l-ohra qabdu f'xulxin, u hu u siehbu marru jifirduhom. Sostna li meta waslet il-mara vicin il-karozza taghhom, kulhadd kien qieghed gewwa l-vettura. Qal li Hazem ipprova jiddefendi ruhu wara li laqqat daqqa. Sostna li l-persuna l-ohra kellha griehi gravi fuq wiccha, mentri Hazem kellu l-flokk imqatta' u xi grif hafif fuq wiccu. Spjega li l-mara kienet prezenti fuq il-post tal-incident. Imbaghad rega' kkjarifika li huwa ma ra xejn, u ma tax kaz jekk il-persuna l-ohra kellhiex griehi gravi jew mhux gravi.

**Dr Pierre Farrugia** xehed li huwa hareg ic-certifikat a fol 61 tal-atti, fejn spjega li kien hemm tbengila madwar l-ghajn u fuq in-naha tar-retina. Spjega li fuq in-naha ta' wara tal-ghajn, kien hemm ukoll nefha, li hafna drabi tigi kkawzata bid-daqqa stess. Spjega li c-CT Scan wera li kien hemm ksur fl-*orbital walls,* u l-muskolu tan-naha ta' isfel tal-ghajn kien maqbud minhabba l-ksur li kien hemm. Kien hemm demm go *sinuses* tar-ras. Spjega li dawn il-griehi huma ta' natura gravi.

**Dottor Jan Janula** spjega li huwa ezamina lill-parti leza u ra l-*medical history*. Spjega li dan kellu jigi operat minhabba l-griehi li sofra, u gie opeart minn Mr Clarence Pace. Sostna li l-operazzjoni rnexxiet, u l-pazjent ghandu vizjoni tajba, u l-moviment tal-ghajn hija normali, hlief *soarness* meta taghmel movimenti 'l fuq. Sostna li huwa ma rax l-Xrays meta sehh l-incident, u ghalhekk jista' jispekula biss ghalfejn hemm din is-*soarness.* Sostna li fil-file, m'hemmx Xrays. Sostna li din is-*soarness* tonqos maz-zmien. Sostna li ma hemmx *permanent disabilities.* Sostna li huwa qaghad fuq li qallu l-pazjent peress li minn ezamijiet fuq l-ghajn, mhux qed jara xi haga fl-ghajn li qed tikkaguna din is-*soarness.*

**Roderick Eddleston** xehed li huwa kien jahdem fl-Armata bhala Staff Sergeant f'Hal Far. Spjega li f'Novembru 2017, kien qed jaghmel ir-*rounds* ta' Hal Safi, u ra kommossjoni. Spjega li kien hemm glieda bejn tlett irgiel ta' nazzjonalità Gharbija, kontra ragel iehor u tfajla li kienet mieghu. Sostna li hu u x-xufier nizlu jferrquhom. Sostna li l-glieda kienet già bdiet. Sostna li t-tlett Gharab kienu qed jirbhu lir-ragel u lil mara. Sostna li l-mara bdiet izzomm lil dak li kien maghha, u t-tlett irgiel l-ohra komplew ituh. Sostna li huwa kien qalilhom li ser igib il-Pulizija, u dawn kollha sparixxew. Sostna li huwa ra tlett irgiel isawwtu lir-ragel li kien mal-mara. Sostna li dawn kienu qed jaghtuh bl-idejn. Kienu qed ituh fuq wiccu u huma dahlu biex iferrquhom. Sostna li d-daqqiet kienu qed jigu moghtija go wiccu u *all over.* Sostna li ma kienx hemm oggetti involuti, izda d-daqqiet kienu qed jinghataw bil-ponn. Sostna li l-persuna li kien mal-mara kien qed jipprova jilqa' u jipprova jaghti, izda l-mara kienet qed izzommu u tigbdu. Sostna li nesa jekk kienx ra xi dmija.

Ix-xhud ma gharafx lill-imputat, u zied jghid li dan kollu gara filghaxija. Huwa ma jiftakarx x'diskors kien intqal. Ikkonferma li kienu marru fuq il-post bil-Land Rover. Sostna li hu u l-kollega tieghu ferrqu l-glieda b'mod fiziku. Sostna li l-persuna li kien mal-mara kien mal-art jilqa' d-daqqiet, u l-mara bdiet tigbdu biex tehilsu milli ma jaqlax iktar. Sostna li huwa ma jistax jghid min beda l-glieda. Il-mara kienet qed tghajjat biex ihallu lir-ragel li kien maghha. Cahad li huma gew imsejjha minn xi hadd minn dawn it-tlett Gharab. Sostna li huma nzertaw ghaddejjin minn hemm. Sostna li huwa jiftakar car li l-glieda kienet tlieta fuq wiehed. Ikkonferma li l-mara lanqas kienet qed taghti. Sostna li huwa ma ghandux awtorità li jarresta, izda infurmahom li kien ser icempel lill-Pulizija. Insista li xhin dahal fix-xena hu, dawn it-tlett persuni rahom jaghtu lir-ragel li kellu t-tfajla mieghu.

**Dr Cynthia Tomasualo in rapprezentanza ta' Identity Malta** xehdet li hija ghamlet ricerka fuq l-imputat, li minnha rrizulta li l-ewwel applikazzjoni li saret mill-imputat, kienet fil-31 ta' Mejju 2013, u l-ahhar applikazzjoni kienet fil-25 ta' Gunju 2019, liema applikazzjonijiet gew ilkoll approvati.

**Byron Sultana** xehed li huwa kien ghassa fid-data in kwistjoni, u meta kienu qed jaghmlu r-ronda, waqfu Hal Far. Spjega li kien hemm glieda ghaddejja, u sseparaw n-nies li kien hemm. Sostna li din il-glieda sehhet fejn hemm il-*Viewing Area* biex jaraw ir-*runway* tal-ajruport. Sostna li huwa ra tlett irgiel u tfajla li kienu qed jiggieldu. Huwa ma gharaf lil hadd fl-awla. Lanqas ma jiftakar jekk kienx hemm xi hadd li kellu xi griehi.

In kontroezami, huwa spjega li dakinhar, kienu b' Land Rover tal-AFM. Ma jiftakarx jekk kienx hemm karozzi pparkjati. Sostna li kien hemm erba' persuni nvoluti, tlett irgiel u tfajla. Sostna li dak il-hin, huma waqqfu lil kulhadd b'ordnijiet. Sostna li dawn obdew mill-ewwel. Sostna li tnejn minnhom telghu f'karozza, u marru 'l hemm, u l-ohrajn ma jafx x'ghamlu.

**L-imputat** xehed li huwa ilu hawn Malta mill-2013, u kien gie hawn Malta b'dghajsa mil-Libja. Spjega li huwa mizzewweg u ghandu tifel. Huwa mizzewweg mara Maltija. Spjega li huwa jahdem ta' bajjad ghal rasu. Spjega li Edmea Grech kienet l-gharusa tieghu fl-2017. Spjega li sa xahar qabel l-incident, kienu ghadhom f'relazzjoni. Spjega li r-ragel li kien maghha dakinhar tal-incident, qatt ma kien rah. Spjega li huwa siefer biex jara lill-familja tieghu, izda ghalkemm stedinha hija rrifjutat. Spjega li huwa kien mar ghal xahar u meta gie lura, huwa sema' li kienet bdiet tohrog ma' haddiehor. Spjgea li dan l-incident sehh madwar 20 gurnata wara li gie lura. Spjega li huwa sar jaf li hija bdiet tohrog ma' ragel iehor, u hija kienet bdiet tigdeb u tichad. Sostna li hi ma ammettietx li kienet qed tara wicc haddiehor.

Qal li huwa kien tkellem maghha u waqfu r-relazzjoni taghhom. Spjega li huwa beda johrog mal-mara tieghu. Qal li f'gurnata minnhom, Edmea kienet cemplitlu fuq il-*mobile* u staqsietu ma' min qieghed. Spjega li din hadet ghaliha li huwa rrispondiha li kien qieghed mal-mara tieghu. Spjega li Edmea qaltlu issa ara x'inhu gej ghalik, u marret l-Ghassa ta' Rahal Gdid, hi u ommha, fejn ghamlu rapport li huwa kien qed idejjaqha. Spjega li l-Ghassa ta' Rahal Gdid cemplulu u xhin mar hemmhekk, omm Edmea qaghdet tghajjat u tghajjat.

Spjega li huwa ma kellimhiex u mar fl-Ghassa. Spjega li qalilhom x'kien gara, u l-Pulizija qaltlu biex ma jergax ikellem lil Edmea. Qal li xhin hareg barra mill-Ghassa, huwa ra lil Yassine u kien ma' zewg Libjani. Spjega li dan beda jiskuza ruhu mieghu li qed johrog ma' Edmea. Spjega li Yassine kien qallu li huwa ma kienx jaf li Edmea kienet l-gharusa tieghu. Qal li huwa kien infurmah li issa m'ghadhiex. Spjega li dan kollu gara xi gimghatejn qabel.

Sostna li lilu qatt ma rah, izda Edmea baqghet iddejjqu u ccempillu. Spjega li dakinhar tal-incident, huwa kien ma' shabu, u marru fejn l-ajruport biex jaraw l-ajruplani. Qal li kienu qishom l-ghaxra ta' bil-lejl. Spjega li pparkja l-karozza. Spjega li hemmhekk hemm qisu cint titla b'tarag biex min jiehu ritratt lil ajruplani jkollu l-arja, ghaliex isfel hemm xibka ma tistax tiehu ritratti. Spjega li t-twieqi kienu mtellghin, izda mbaghad, nizzel it-tieqa u ra lil Yassine mat-tieqa ma' genbu. Sostna li Yassine kien già pparkjat, izda huwa ma kienx jaf x'karozza jsuq. Spjega li Edmea kienet ma' Yassine. Spjega li Yassine kien qallu jekk ghandux bzonn xi haga bil-Malti.

Qal ukoll li huwa rrispondih li m'ghandu bzonn xejn. Spjega li biex ma jkunx hemm paroli, huwa qabad u caqlaq il-karozza ghal go spazju iehor, 'il boghod madwar 25 metru. Spjega li ra lil Yassine nizel mill-karozza tieghu. Spjega li huwa kien halla l-vettura tieghu ghadha mqabbda. Qal li xhin rah gej ghan-naha tieghu, huwa tefa' l-karozza u nizel mill-karozza flimkien ma' zewg shabu. Qal li huma nizlu biex ipoggu fuq il-bankijiet, u huwa ma ndunax li dan Yassine kien gej ghal glied. Spjega li dan beda jitkellem mieghu bil-kalma. Sostna li dan beda jsaqsih ghalfejn qed isemmih maghha, u ghalfejn qed jghidilha kliem mhux xieraq dwaru. Qal li huwa rrispondih li huwa ma jafux, u li huwa ma jinteressahx minnu. Spjega li Yassine qabad jghajjru, u huwa qallu li Edmea kienet qalbitilu, u li ma jridhiex.

Spjega li t-tfajla safrattant, kienet ghadha gol-karozza. Qal li qallu biex ihallih bi kwietu, u li huwa ma ghandux x' jaqsam mieghu. F'daqqa wahda, spjega li nizlet mill-karozza, Edmea, u qabdet tghajjat u tghajjru bil-familja tieghu. Qal li huwa baqa' kalm, izd imbaghad, Yassine qabad u refa' idu. Qal li huwa laqqat daqqa f'nofs mohhu. Qal li huwa rega' lura u bdew jaghtu bl-idejn. Cahad li kellu hadida jew gebla. Qal li ma kellu xejn f'idejh. Qal li huwa kien qed jilqalghu. Spjega li kien qattalu wkoll il-flokk. Spjega li kulma gara li mbuttaw bl-idejn, u mbaghad gew is-suldati.

Insista li l-hbieb tieghu bdew iferrqu meta gew is-suldati. Qal li ferrqu meta beda jaghti Yassine. Qal li wara, huwa mar il-*clinic*, u mbaghad mar l-Ghassa ta' Rahal il-Gdid. Sostna li minn dakinhar 'il quddiem, huwa ma rahx lil Yassine, izda baqa' jara lilha. Sostna li kull darba li tarah ma' mara, Edmea tmur taghmel rapport. Sostna li Edmea u Yassine ghamlulu hafna hsara.

In kontroezami, huwa cahad li ta daqqa ta' ponn lil Yassine. Cahad li Yassine waqa' mal-art. Sostna li kulma gara kien li taw bl-idejn. Sostna li Yassine refa' jdejh fuqu. Sostna li huwa laqaghlu, u mbaghad bdew jimbuttaw bl-idejn. Sostna li li kieku verament waqa', u li kieku verament kellu din id-daqqa, kif jista' jkun li saq sa Rahal il-Gdid bil-lejl. Cahad li huwa ghamel xi griehi lil Yassine.

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti hija rinfaccata b'verzjonijiet konfliggenti moghtija mill-parti leza u t-tfajla tieghu u l-imputat u z-zewgt ihbieb, li kienu qed jakkumpanjawh. Ghandha wkoll xhieda moghtija minn zewg membri tal-Armata ta' Malta.

Illi d-difiza tallega li l-incident mertu ta' dawn il-proceduri, nbeda minhabba l-atteggjament ta' Yassine Khazri u ta' Edmea Grech. Gie argumentat li l-glieda nbdiet minn Yassine Khazri wara li nvolviet ruhha Edmea Grech. Id-difiza sostniet li l-imputat agixxa biss in legittima difesa.

Illi dwar il-legittima difesa, din il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti gurisprudenza.

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro, deciza fis-26 ta' Awwissu 1998, intqal li:

> *Mhux kull minnn "jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar il-"bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli.*

Fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs Clint Zammit, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciza fid-19 ta' Mejju, 2014, inghad:

> *"L-imputat eccepixxa id-difiza ta' self defence ghar-rigward din l-akkuza. Persuna tilqa' b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun intlahqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti.*

*Fil-fatt l-Artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:*

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor."*

*Dan il-kliem huwa car hafna fih nnifsu. L-Artikolu 224 tal-istess Kap. 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.*

*Jigi rilevat minnufih li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Micallef' (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:*

*"Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-proprjeta tal-feritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta u in difesa attwali taghha."*

*F'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li:*

*occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur."*

*Il-ligi taghna pero' timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, fil-gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti kaz biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima.*

*Il-periklu jrid wkoll ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt il-Professur Mamo fin-Noti tieghu tal-ligi penali jghid:*

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Psaila' jinghad li:*

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli.*

*Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995, fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs. Joseph Psaila, jinghad fuq dina l-iskriminanti s-segwenti:

*"Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid*

*ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."*

Dwar il-legittima difeza, huwa interessanti wkoll dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kaz fl-ismijiet, il-Pulizija vs David Farrugia, deciz fis-26 ta' Mejju, 2016.

Illi minn dawn l-insenjamenti, jemergi li d-difiza trid tkun saret sabiex jigu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruhhom, jikkagunaw hsara irreparabbli lill-imputat. L-imputat irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu biex jevita l-perikolu li ma setghax jigi evitat b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ried ikun attwali, ta' dak il-hin, u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, jew ta' xi perikolu li jista' jsehh aktar tard, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni, u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ikun ukoll assolut, cioè li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setax jigi evitat b'xi mod iehor.

In oltre, l-element ta' inevitabilità jigi nieqes meta wiehed, minflok ma' jevita l-inkwiet, (meta dan ikun jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat), imur jaffrontah. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri, fis-sentenza moghtija fil-kawza, Repubblika ta' Malta vs Martina Galea, fl-14 ta' Jannar 1986, intqal li:

*"…. huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita', meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could".*

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tqisx li mill-provi prodotti, tali difiza tirnexxi. Minn dak li semghet bhala provi, din il-Qorti tqies li ghalkemm l-imputat mar ipparkja metri 'l boghod minn fejn kien ipparkjat Yassine Khazri, u dana sabiex jevita paroli u nkwiet zejjed, jibqa' l-fatt li xhin nizel mill-karozza tieghu flimkien ma' zewg shabu, u ra lil Yassine Khazri javvicinah, huwa baqa'

hemmhek, kellmu, u f' hin bla waqt, bdiet il-glieda. Huwa minnu li ma hemmx qbil dwar min effettivament, ta l-ewwel daqqa lil min. In fatti, ghalkemm Edmea Grech u Yassine Khazri jsostnu li kien l-imputat li beda l-glieda, mill-banda l-ohra l-imputat u z-zewg ihbieb tieghu, li wkoll xehdu f'dawn il-proceduri, sostnew li kien Yassine Khazri li ta daqqa lill-imputat.

Madanakollu, il-Qorti ma tqisx li l-agir tal-imputat kien necessarju biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'mod iehor. Il-Qorti tqies li l-imputat kellu s-sostenn ta' zewgt ihbieb mieghu, u seta' facilment saq 'l hemm, xhin induna li Yassine Khazri kien qed jimxi lejn id-direzzjoni, fejn kien waqaf it-tieni darba bil-vettura tieghu. L-imputat seta' wkoll saq mill-ewwel, meta nduna li kien hemm Yassine Khazri u l-eks tfajla tieghu stess, Edmea Grech, f'karozza pparkjata. Il-Qorti lanqas ma tqis li jirrizulta li Yassine Khazri u Edmea Grech, holqu xi perikolu li ma setghax jigi evitat bl-ebda mod iehor mill-imputat. Il-Qorti tqies ghalhekk, li f'dawn ic-cirkostanzi, l-imputat ma jistax jinvoka l-iskriminanti tal-legittima difesa.

**Ikkunsidrat**

Issa dwar l-imputazzjoni in ezami, l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza griehi gravi f'ghajnu ix-xellugija, kif definiti fl-Artikolu 214, 215 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Madanakollu, hemm kwistjoni ohra li qabel xejn trid tigi rizolta f' dawn il-proceduri, li hija min kien l-awtur ta' dawn id-delitti. Dana qed jinghad peress li f'dan il-kaz, irrizulta li kien hemm mhux biss l-imputat, izda wkoll tnejn minn shabu li allegatament bdew jaghtu lil Yassine Khazri.

Jekk wiehed jara l-verzjoni li nghatat lill-Pulizija a tempo vergine minn Yassine Khazri u Edmea Grech, u cioè dik li tirrizulta mir-rapport tal-Pulizija a fol 7 et seq tal-process, jirrizulta li dawn stqarrew, li Hazem Muashi beda jaghti, u l-hbieb tieghu ghenuh ukoll, billi hargu jaghtu lil Yassine Khazri. Anke meta xehdu quddiem din il-Qorti, Edmea Grech u Yassine Khazri sostnew li anke z-zewgt ihbieb ta' Hazem Muashi, kienu taw daqqiet lil Yassine, inkluz f'wiccu. Meta saru domandi specifici dwar min ezattament kien ta d-daqqa f'wicc Yassine, li kagun taghha, Yassine spicca bi ksur tal-*orbital walls* tal-ghajn ix-xellugija, f'mumenti mix-xhieda tieghu, Yassine sostna li ma rax min tahielu, u f'istanzi ohra, sostna li huwa hass id-daqqa gejja minn quddiem, bil-konsegwenza li jassumi li giet minghand Hazem Muashi, ghaliex Muashi kien jinsab quddiemu. F'okkazzjoni ohra, Yassine Khazri sostna li lanqas jaf kif spicca mal-art b'daqqa li nghata f'wiccu. Meta giet mistoqsija l-istess domanda Edmea Grech, din sostniet li hija rat lil Hazem Muashi jaghti l-ewwel, daqqa f'wicc Yassine Khazri, u mbaghad rat lit-tnejn l-ohra jkomplu jaghtu lil Yassine, flimkien ma' Hazem Muashi.

Mill-banda l-ohra, kemm l-imputat, u kif ukoll dawn iz-zewgt ihbieb tal-imputat, u cioè Faris Al Khalash u Fawaz Njem, sostnew li kien Yassine Khazri li ta l-ewwel daqqa lil Hazem Muashi, u li Faris u Fawaz kienu nvolvew ruhhom biex iferrqu lil Hazem Muashi u lil Yassine Khazri.

Il-Qorti ghandha wkoll ix-xhieda ta' Roderick Eddleston, li kien wiehed mill-ufficjali tal-Forzi Armati ta' Malta, li ferraq lil dawk involuti f' din il-glieda. Fix-xhieda tieghu, dan spjega li ghalkemm il-glieda kienet già bdiet meta intervjena hu u l-kollega tieghu, kien jidher bic-car li kien hemm sitwazzjoni fejn kien hemm tlett irgiel Gharab jaghtu lir-ragel iehor, li kellu mara fejnu. Dan uza l-kliem li t-tlett irgiel Gharab kienu qed jirbhu lil iehor, u li l-mara kienet qed tipprova tigbed lir-ragel l-iehor li kien qed jilqa' u qed jipprova jaghti lura fl-istess hin. Mistoqsi kemm-il darba, dan ix-xhud, li huwa terza persuna estranja, baqa' jikkonferma li t-tlett irgiel li kienu jidhru flimkien (u dan b'referenza ghalhekk ghal Hazem Muashi, Faris Al Khalash u Fawaz Njem) kienu qed jaghtu d-daqqiet lil ragel iehor (b'referenza ghal Yassine Khazri) li kellu mara mieghu qed tipprova tigbdu biex tehilsu (b'referenza ghal Edmea Grech).

Xhud iehor Byron Sultana, li kien qieghed flimkien ma' Roderick Eddleston, sostna li kien hemm tlett irgiel u tfajla, u mhux erbat irgiel u tfajla. Fix-xhieda tieghu, huwa spjega li l-glieda kienet ghaddejja bejniethom u li huma kienu ferrquhom.

Il-Qorti, ghalhekk tinsab rinfaccata b'incident li fih Yassine Khazri sofra daqqiet gejjin, kemm minghand l-imputat, kif ukoll minghand Faris Al Khalash u Fawaz Njem. Rinfaccata b'dawn ic-cirkostanzi, u anke bil-fatt li x-xhieda moghtija minn Yassine Khazri u Edmea Grech, ma kinitx dejjem konsistenti u kredibbli, fejn kien hemm okkazzjonijiet li sa anke kkontradixxew irwiehhom, din il-Qorti ma tqisx li gie ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mill-Prosekuzzjoni, li l-griehi sofferti minn Yassine Khazri, gew effettivament kkagunati bl-azzjoni tal-imputat. Huwa minnu li l-imputat kien involut fil-glieda, izda gialadarba jirrizulta mix-xhieda okulari, li kien hemm Faris Al Khalash u Fawaz Njem, li wkoll kienu qed jaghtu daqqiet lil Yassine Khazri, il-kwezit li qed jibqa' jberren gewwa mohh din il-Qorti, huwa jekk effettivament il-griehi sofferti minn Yassine Khazri kinux effettivament, ikkagunati tort tal-agir tal-imputat, jew tort tal-agir ta' Faris Al Khalash u/jew ta' Fawaz Njem. Il-Prosekuzzjoni baqghet ma ressqitx provi li jwasslu ghal dak il-konvinciment neccessarju biex din il-Qorti ssib htija fl-imputat.

**Decide**

**Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qed tillibera lil Hazem Muashi minn kull imputazzjoni u htija.**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**